

# L-Oratorju u l-Kappella tal-Qalb ta' Ġesù

## Opra ġo oħra t-tnejn irnexxew...

*Is-Sur Louis Vassallo*

Huma bosta dawk il-Mostin li għandhom għal qalbhom il-kumpless tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, tant li jqisuh bħala l-aktar post għażiż wara r-Rotunda ta' Grognet. Dan l-istitut reliġjuż ġie oriġinaljament imfassal fuq l-Oratorju festiv ta' San Ġwann Bosco. Billi l-fundatur tiegħu, Mons. Carmelo Sciberras kien midħla tas-Sależjani, ried li dan il-bini jkollu l-klassijiet tad-duttrina, il-kappella fejn it-tfal jinġabru għall-quddiesa u talb ieħor, grawnd fejn jiġru u jilagħbu, u sala kbira biex it-tfal u kif ukoll il-kbar, ikollhom fejn jirrikrejaw ruħhom. Kull deċenju ħalla l-marka distintiva tiegħu fl-istorja mlewna ta' dan iċ-ċentru tat-tfal u ż-żgħażagħ. Il-Mulej għoġbu jagħżel minnu għadd sabiħ ta' żgħażagħ biex jissieħbu fis-saċerdozju tiegħu u jaqduh fost uliedu l-bnedmin. Fi ħdanu taqa' bosta ġuvintur li llum ħafna minnhom huma rġiel tal-familja u huma ta' unur u fejda għas-soċjetà. Sintendi kull individwu għandu l-esperjenzi personali tiegħu x'jirrakkonta. B'hekk, l-attivitajiet reliġjużi, soċjali u sportivi għandhom imnejn jieħdu xejriet differenti matul il-ġirja taż-żmien. Mhux darba jew tnejn, li numru sabiħ ta' żgħażagħ għażlu li l-quddiesa tas-sagrament taż-żwieġ tagħhom issir fil-kappella tal-Oratorju. Hi okkażjoni li toffri emozzjonijiet imħallta, kif mit-tfulija, tgħaddi għaż-żgħożija u tasal biex tieħu l-istat tiegħek, propju fil-qalba ta' dan il-monument sagru u artistiku.



*L-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fejn il-kappella grandjuża tisraq ix-xena u tagħtih identità*

### Ħaseb biex iwaqqaf

Iżda l-ħolma ta' din l-opra hekk qaddisa, tkebset ferm qabel il-binja maestuża li naraw illum. L-ewwel wieħed li ħaseb biex iwaqqaf Oratorju għat-tfal kien Dun Karm Gauci li talab l-għajnuna ta' Dun Ġorġ Preca, illum Qaddis, biex jgħinu jiftaħ dan l-Oratorju, billi kien il-fundatur ta' ħafna istituti għat-tagħlim tad-Duttrina Nisranija. Ġie inawgurat nhar is-7 ta' Ġunju 1914 u msemmi għal Qalb Imqaddsa ta' Ġesu. Għal tmien snin dan l-Oratorju kien jiffunzjona minn 189, Triq il-Kungress Ewkaristiku. Ħdejh kien hemm maħżen li kien jintuża bħala kappella fejn isir il-quddies ta' kull nhar ta' Ħadd. Din il-binja kien bniha Mastru Salvu Zahra u meta l-Oratorju mar post ieħor, irranġaha u baqa' jgħix hemm sa ma miet. Sfortunatament fl-1916, faqqset tilwima bejn l-Oratorju u l-MUSEUM tal-Mosta rigward it-tagħlim tad-Duttrina, li damet tkarkar sas-snin erbgħin tas-seklu għoxrin.

### Jitwaqqaf kumitat

Is-snin bdew igerrbu u ġie deċiż li tkun ħaġa sewwa jekk jinbena Oratorju apposta fejn it-tfal mal-kappella u l-klassijiet tat-tagħlim, ikollhom ukoll post fejn jilagħbu. Għal dan il-għan twaqqaf kumitat ta' qassisin u lajċi mill-Arċipriet Dun Pawl Mallia biex jieħu ħsieb dan il-proġett. Il-kumitat beda jaħdem u bil-flus ta'

*ikompli f'paġna 178*



***Dun Karm Sciberras (1893 – 1950) li kien ħolom b'dan iċ-ċentru għat-tfal u ż-żgħażagħ u l-bust tiegħu jinsab fil-kappella, kif verament jixraqlu.***

ħafna benefatturi nxtrat biċċa art kbira mhux ħażin, mingħand l-Agostinjani f'post ċentrali. Fl-11 ta' Novembru 1928, tqiegħdet l-ewwel ħaġra. Ittellgħet kappella u ma' kull ġenb tagħha nbnew erba' kmamar għall-klassijiet. Fuq wara nett, inbena teatru żgħir li biswitu tinfirex bitħa għal-logħob, li fiha fuq tomna art. Ix-xogħol ġie fdat f'idejn il-Perit Nettu Mifsud Ellul u l-imgħallem kien Mastru Salvu Zahra. Bl-għajnuna tal-benefatturi u bil-ħidma sfiqa tal-ħabrieki Direttur Dun Karm Sciberras, l-Oratorju kien lest mill-bini għall-ħabta tal-1935.

**Ħidma sfiqa**

L-Oratorju ġie inawgurat nhar is-Sibt 8 ta' Ġunju 1940 wara nofsinhar mill-E.T. Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. li ried jiġi apposta bħala turija ta' apprezzament għax-xogħol kbir li kien qed iwettaq Dun Karm Sciberras. L-għada, 9 ta' Ġunju, tbierek solennament il-bini kollu kemm hu u wara ġiet iċċelebrata quddiesa solenni mill-eks-Arċipriet tal-Mosta, Mons. Dun Pawl Mallia, assistit minn Dun Edgar Salamone u Dun Karm Sciberras, eks-Direttur u Direttur rispettivament. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet ħadu sehem il-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp komposta minn ħafna żgħażagħ u l-kor tal-Azzjoni Kattolika. Din il-ħidma sfiqa saret bil-bżulija ta' tant ħaddiema u artiġjani, kif ukoll bl-għajnuna tant ġeneruża ta' diversi benefatturi.

L-artal tal-kappella ġie kkonsagrat nhar il-11 ta' Lulju 1965, mill-E.T. Mons Isqof Emanuel Galea. L-għadam li tpoġġew f'dan l-artal huma tal-Qaddisin Gratus u Jacundus.

**Għaqdiet diversi**

Apparti t-tagħlim tad-Duttrina li għadha prijorità sal-lum-il ġurnata, l-Oratorju laqa' fi ħdanu numru ta' għaqdiet soċjali u reliġjużi. Fl-1936 twaqqfet il-Ġuvintur Azzjoni Kattolika (il-Ġ.A.K.) u fl-1992 bidlet isimha għal Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Mosta, (iż-Ż.A.K.). Fl-1956 ġie magħżul Assistent Ekkleżjastiku Dun Anġ Camilleri li taħt it-tmexxija kostanti tiegħu u ta' tant presidenti, din l-għaqda baqgħet tagħti l-frott għal bosta snin. Dan it-twajjeb saċerdot Mosti jibqa' magħruf għal dejjem bħala Dun Anġ tal-Oratorju, għax f'dan il-post wettaq bosta xogħol fejjiedi. Fost oħrajn, kien hu li waqqaf "L-Għaqda Studenti Mostin" u l-kor Santa Ċeċilja fl-1958. Kien hu li welled il-gazzetta IL-MOSTA, pubblikazzjoni tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

Meta ġiet imwaqqfa l-Azzjoni Kattolika, insibu li fl-Oratorju kien ilu bosta snin jiltaqa' fih il-grupp tal-iScouts tal-Mosta, tant li din it-truppa kienet iġġib l-isem ta' *Mosta Oratory Troop of Boy Scouts*. Bejn dawn iż-żewġ għaqdiet b'saħħithom, fl-imgħoddi kien hemm daqsxejn tal-pika mhux ħażin għax it-tnejn li huma


***Dun Anġ Camilleri (l-ewwel mix-xellug) ħa ħsieb imexxi dan l-Oratorju għal kważi ħamsin sena.***

kellhom xi membri akkaniti, tant li kien hemm min kien ibiddel minn waħda għall-oħra għal kull fettuqa!

**Dun Anġ tal-Oratorju**

Mons. Dun Anġ Camilleri kien direttur ta' dan l-Oratorju għal kważi ħamsin sena. Fost affarijiet oħra, hu rranġa s-sala u l-palk tat-teatrin għal darba, darbtejn fi żminijiet differenti, xtara *film projectors* ġodda, bena klassijiet ġodda għad-duttrina u rranġa z-zuntier darbtejn u l-grawnd għal tliet darbiet! Fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor infetaħ il-*Youth Centre* attrezzat tajjeb bl-imwejjed tat-*Table Tennis* u tal-*Billiards* fost logħob ieħor. Dun Anġ irnexxielu jagħmel dan kollu u ferm aktar, bl-għajnuna ta' xi benefatturi li wħud minnhom kienu emigranti Mostin. Għal bosta snin il-kalendarju tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù kien ikkaratterizzat minn dawn l-inizjattivi. Lejn l-aħħar Ħadd ta' Jannar jew il-bidu ta' Frar, kienet issir attività annwali magħrufa bħala l-Akkademja li f'din is-serata kienu jiltaqgħu u jitħalltu flimkien it-talenti teatrali u mużikali tal-membri nfushom. Għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa kien u għadu jittella' d-dramm tal-Passjoni. Il-festa ewlenija tal-Oratorju f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù kienet tkun iċċelebrata f'Ħadd it-Trinità Mqaddsa. Funzjonijiet reliġjużi, *sports rally, festival* ta' teatru tat-triq. Films, diskos, u attivitajiet soċjali oħra kienu jimlew il-programm tal-festa. Matul is-snin tmenin u disgħin tas-seklu għoxrin kienet tiġi organizzata b'mod volontarju l-attività ta' Skola Sajf, fejn fuq perjodu ta' sitt ġimgħat it-tfal kienu jiltaqgħu biex jilagħbu flimkien jitgħallmu, jiddevertu u joħolqu attivitajiet ta' kultura, edukazzjoni u formazzjoni Nisranija. Insemmu wkoll il-'Festa Żgħażagħ', sensiela ta' laqgħat u attivitajiet għaż-żgħażagħ matul ix-xahar ta' Ottubru. Kellha ċerta popolarità l-attività Maratona ta' 72 siegħa ta' *indoor games* qabel il-festi tal-Milied, b'għan filantropiku u li fiha kienet tinkludi x-xandir mir-Radju tal-Kommunità, imwaqqaf fl-istess Oratorju miż-żgħażagħ infushom. Bla dubju l-*leagues* tal-futbol kienu wisq popolari maż-żgħażagħ, fejn il-grawnd tal-Oratorju kien jiġi mikri kuljum għall-logħob. Ġieli saru xi logħbiet tal-*volleyball* l-aktar fis-sajf.



***Iz-zuntier sabiħ u spazjuż fejn tidher bi prominenza l-istatwa tal-Millenju.***

Wara xi żmien ta' inċertezza, għall-grazzja t'Alla bis-saħħa tal-grupp Ignite 18+, l-Oratorju reġa' ħa spinta 'l quddiem. Dan il-grupp immirat għaż-żgħażagħ li għandhom aktar minn tmintax-il sena, twaqqaf fl-2012. Il-maġġoranza tal-membri huma mill-Mosta iżda jilqa' fih żgħażagħ minn bliet u rħula oħra. Il-grupp jiltaqa' b'mod regolari kull nhar t'Erbgħa filgħaxija, waqt li jieħu ħsieb il-quddiesa tal-Ħadd fis-7.00pm li ssir fil-kappella tal-Oratorju.



***Wieħed mis-settijiet tad-Dramm tal-Passjoni, mibni fuq il-palk tat-teatru tal-Oratorju, għall-edizzjoni tal-1996.***

**Ir-Refuġjati jsibu kenn fl-Oratorju**

Matul it-tieni gwerra dinjija, l-Oratorju ta kenn lir-refuġjati li ħallew djarhom minħabba l-bumbardamenti fuq l-ibliet tagħhom u ġew il-Mosta għal

*ikompli f'paġna 182*

aktar sigurtà. L-Oratorju Qalb ta' Ġesù fetaħ il-bibien tiegħu u ma kienx hemm kamra li tħalliet vojta! Dan l-Oratorju serva wkoll bħala Skola Primarja tal-Gvern u fil-grawnd kien tħaffer xelter għall-*air raids*. Nhar l-20 ta' Jannar 1942 waqgħet bomba f'nofs il-misraħ ta' quddiem l-Oratorju u mietu sitt persuni, waqt li djar fil-qrib sfaw imġarrfa għal kollox.[1] Waqt dan l-attakk il-bieb ewlieni tal-kappella infetaħ beraħ u ġarrab ħsarat kbar. Xhieda ta' dan huma d-daqqiet tal-ixrapnel fl-iskultura tal-kappella u daqqa mhux ħażin fil-bassoriliev tal-mensola tal-artal. Niftakar li Dun Anġ kien jgħid, li dawn il-ħsarat m'għandux f'moħħu li jirranġahom, biex jibqgħu xhieda ħajja ta' dik il-ġrajja kerha. Hu kien jemmen ukoll li kienet il-barka tal-Qalb ta' Ġesù, li dan il-post għażiż ma ġiex imġarraf għalkollox. Tajjeb li nsemmu wkoll, li l-għaqdiet bħall-Azzjoni Kattolika kellhom joħorġu mill-Oratorju sabiex jagħmlu l-wisgħa għar-refuġjati.




***Il-protagonisti kollha li ħadu sehem fl-48 siegħa Maratona ta' Indoor Games fl-1995, b'risq id-Dar tal-Providenza.***

**It-Teatru tal-Oratorju**

Il-Mosta minn dejjem kellha persuni midħla tal-palk. U ħafna kumpaniji tat-teatrin kemm Mostin u kif ukoll minn bliet u rħula oħra, sabu żvog fit-teatru tal-Oratorju. Kemm telgħu atturi fuqu! Kemm idderiġew diretturi u kemm keded ħadu, flimkien mas-sodisfazzjon mistħoqq! Fuq il-palk tal-Oratorju ttella' tista' tgħid minn kollox: fares, kummiedji soċjali, *vaudevilles*, drammi serji, u tal-passjoni, operetti, *fashion shows* u programmi varjati b'mużika klassika u moderna. Kien hemm żmien meta ma kinux jitħallew jieħdu sehem atturi nisa. U praspar kien hemm bil-bosta! U biex din il-kitba tkun waħda bilanċjata, ħsibt li nirrakkonta praspura li ġrat mhux fi żmieni, imma fi żmien missieri li kien jaħdem il-parti ta' San Pietru fid-dramm tal-Passjoni, fejn il-parti ewlenija ta' Ġesù Kristu kienet f'idejn J.J. Camilleri. Dan l-edukatur u kittieb magħruf, irrakkonta fatt fl-awtobijografija tiegħu "Malta li Għext Fiha", li anke missieri kemm-il darba semmieh. "Fil-ġnien taż-żebbuġ jiġi l-anġlu bil-kalċi biex isabbar.......Ġie deċiż li dan l-anġlu jiddendel u jinżel qajla qajla mill-għoli billi jiżżerżaq fuq wajer irqiq tal-azzar. Kienu jinqalgħu biex jarmaw, għamlu t-tarjoli u lit-tifel dendluh biċ-ċingi. Wara li jien iddeklamajt, xegħel id-dawl qawwi, u l-anġlu liebes l-aħmar beda nieżel lejja qajla qajla bil-kalċi f'id waħda, u salib tal-injam imdaqqas fl-oħra. Iżda x-xitan jgħidu li ma jaħmilx għaliex xħin l-anġlu wasal fin-nofs, dan fettillu jdur u jagħtini dahru. Kelli l-ħsieb għall-ewwel nerġa' ndawru, iżda bżajt li jerġa' jdurli u noqogħdu nilagħbu.........Kelli s-sens komun u dort jien. Kien hemm daqsxejn tal-għagħa..."



***Dehra ġenerali tal-kappella minn ġewwa, hekk kif tidher minn ġol-gallerija, min-naħa tal-bieb ewlieni.***

**Kappella grandjuża.**

Ma tistax tifred l-Oratorju mill-kappella, li diġà tajna xi ħjiel tagħha 'l hemm u 'l hawn tul din il-kitba. Fil-fatt, il-kappella hjia opra ġo oħra u t-tnejn irnexxew tassew. Għandha tul ta' 86 pied u wisa' ta' 30 pied. Hi kappella tassew grandjuża u mhux ta' b'xejn li hawn min isejħilha knisja! Il-faċċata hi ta'

stil Korint u fuq il-frontispizju għandha statwa tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol l-Iskultur Malti Giovanni Spiteri Sacco. L-artist għamel ħiltu kollha biex daħħal xejriet kontemporanji u fl-istess waqt baqa' jinterpreta l-arti sagra b'kunċetti reliġjużi. Il-faċċata fiha ħafna lavur li jolqot l-għajn u fiha jispikkaw żewġ niċeċ li fihom naraw żewġ statwi tal-ġebel. Dawn huma xogħol bikri tal-Iskultur Mosti Ġanni Bonnici u li jirrappreżentaw lil Santa Marija Goretti u San Tarċisju. Mela, fil-faċċata nsibu b'mod simboliku l-mottiv ta' din l-opra qaddisa. Ix-xbiha ta' Kristu b'dirgħajh merfugħa qegħdin jipproteġu lit-tfal miġburin madwaru u li huma rrappreżentati minn dawn iż-żewġt itfal qaddisin. Fuq in-naħa ta' wara jinsab il-kampnar li darba, kien jiddandan bil-qniepen tiegħu. Fl-1993, kellu jinħatt ġebla ġebla, għax il-ġebel kien inqasam u kellu ħafna tmermir. B'hekk, kellu jinbena mill-ġdid fejn ix-xogħol kien f'idejn Lino Falzon. Il-qniepen li kienu spiċċaw ukoll, ġew merfugħa fil-kamra mużew *ad perpetuam rei memoriam*. Illum fil-kampnar insibu erba' *loudspeakers* u minnhom joħroġ leħen armonjuż ta' qniepen oħra, li dlonk ifakkruk f'dawk tal-Vatikan! Fuq iz-zuntier tal-Oratorju nhar l-1 ta' Jannar 2000 inkixfet statwa ffurmata minn żewġ figuri – tifel qed joffri fjura lil Ġesù għall-okkażjoni ta' għeluq sninu fl-2000 sena mit-twelid tiegħu. Din l-istatwa magħrufa bħala "Tal-Millennju", saret l-Italja fil-*Caggiati Fonderia D'Arte*. Ġiet mikxufa mis-Sindku tal-Mosta s-Sur Joe De Martino u tbierket minn Dun Anġ Camilleri, id-Direttur tal-Oratorju. Tħallset minn żewġ emigranti Mostin.



*L-istatwetta tal-Assunta li tinsab ġo vetrina artistika. Hi tassew opra tal-arti fejn jispikkaw l-oriġinalità u l-moviment tal-figuri.*



*L-istatwa tad-Duluri, xogħol fl-injam ta' Salvatore Dimech 'is-Sartx' u li qabel, kienet tinsab fir-Rotunda.*

**Issaħrek minn ġewwa**

Jekk tiġbdek minn barra, wisq iżjed issaħrek minn ġewwa, fejn l-istil tagħha hu kompost b'altar wieħed tal-irħam maħdum fuq disinn tassew adattat. Fl-abside fuq mensola hemm statwa ħelwa tal-Qalb ta' Ġesù, b'ġuvni u tifel maġenbu, li hi xogħol ukoll tal-Iskultur Giovanni Spiteri Sacco. Naraw ukoll żewġ armi, xogħol ta' Toni Agius u li huma tal-Papa Piju XI u tal-Arċisqof Mauro Caruana. Fl-1994 bedà proġett ambizzjuż li kompla sebbaħ il-kappella bi stil oriġinali u uniku. Dun Anġ Camilleri ġietu l-idea li ssir il-pittura fl-ispazju diġà provdut, li turi parti mill-ħajja tal-Qalb ta' Ġesù, imma li tkun differenti minn knejjes oħra! Riedha speċifikament tkun ipproġettata biex jifhmuha u jieħdu grazzja magħha t-tfal tad-Duttrina, li wara kollox kien l-iskop ewlieni tat-twaqqif ta' dan l-Oratorju. Dawn il-kwadri mlewmin mhux biss bil-kuluri sbieħ, imma wisq iżjed sbieħ imfawrin mill-innoċenża tat-tfulija, huma xogħol l-artist Għawdxi imma residenti l-Mosta, George Apap. Ġew regalati kollha minn diversi benefatturi.

Ma nistgħux ma nsemmux l-istatwa devota tad-Duluri, xogħol fl-injam tal-Iskultur Mosti Salvatore Dimech magħruf bħala s-'Sartx'. Insibu wkoll statwa mdaqqsa

tal-Vara l-Kbira, xogħol il-Mosti Elija Mifsud u li ġiet irregalata minn uliedu fl-1998. Ġo vetrina biswit il-bieb ewlieni, hemm esebita statwetta tal-Assunta li tassew tiġbed l-għajn tal-viżitatur.



*Dettall mill-Aħħar Ċena bil-platti dekorattivi, fejn fl-isfond jidhru Ġesù mal-Appostli, impittrin fuq l-injam minn George Apap u ġew irregalati minn Talent Mosti fl-1993.*

F'dan l-Oratorju kienet issir il-festa ta' San Domenico Savio. L-ewwel darba li saret kien nhar il-Ħadd, 13 ta' Mejju, 1979 fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal. F'niċċa f'nofs it-taraġ li jagħti għall-klassijiet tad-Duttrina tinsab miżmuma l-istatwa ta' dan il-qaddis, li hi xogħol l-Iskultur Għawdxi Wistin Camilleri. Tajjeb li nsemmu statwa oħra li għalkemm mhix fil-kappella, hi wisq għal qalb il-Mostin. Qed nirreferi għall-abbozz kbir tal-ġibs li l-Iskultur Ċensu Apap kien fassal biex minn fuqu, tiġi maħduma l-istatwa titulari ta' Santa Marija li saret bejn l-1947 u l-1948.

**Għaxqa aktar mis-Soltu**

Għal żmien twil meta Dun Anġ kien id-Direttur tal-Oratorju, il-kappella kien ikun fiha għaxqa aktar mis-soltu, fi tliet okkażjonijiet partikolari matul is-sena. Għall-Ġimgħa Mqaddsa kienet tintrama l-Mejda tal-Appostli li saret għall-ewwel darba fl-1968. Kienet tikkonsisti f'xogħol dekorattiv bl-għaġin, żrieragħ u melħ ikkulurit li juru stemmi tal-Passjoni. Ma' dawn, kienu jsebbħu l-mejda diversi simboli tal-Passjoni, xogħol fiċ-ċeramika flimkien mal-kagħak, ħobż u għażla ta' frott differenti. Madwar il-kappella wieħed għadu jara sett statwi tal-Ġimgħa l-Kbira, magħmulin fuq l-istatwi tal-Parroċċa. Dawn huma xogħol tal-Mosti Ġużeppi Fenech, li qabel miet ried li wliedu jibqgħu jarmawhom fl-Oratorju.

Il-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-Oratorju kif diġà għedna, kienet issir f'Ħadd it-Trinità Qaddisa. Kien ikun hemm tmint ijiem ta' preparazzjoni: quddies kuljum, waħda filgħodu u oħra filgħaxija u kwizzijiet għat-tfal tad-duttrina bi premjijiet. Fost l-għaqdiet li kienu janimaw il-quddiesa insemmu l-Moviment Neo-Katekumenali, Tiġdid Kariżmatiku, il-Korijiet Shalom tal-Oratorju Marija Immakulata, il-Kor Santa Ċeċilja, il-Kor ta' Santa Margerita u l-*Pueri Cantores* tal-Oratorju. F'jum il-festa filgħodu, kienet issir quddiesa solenni mill-Arċipriet tal-Parroċċa. L-iScouts tal-Mosta kienu jagħtu salut bil-fanfarri wara l-konsagrazzjoni u programm ta' marċi fuq iz-zuntier wara l-quddiesa. Filgħaxija, l-Arċipriet kien imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-kelma u wara kienet toħroġ il-purċissjoni bil-baldakkin li kienet iddur mal-blokk tal-Oratorju. Din iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika kienet tiġi fi tmiemha bl-att ta' Konsagrazzjoni u bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier. Il-ġirien kienu joħorġu l-qsari u l-pjanti fuq il-bankini, waqt li t-tfal kienu jxerrdu s-sardinell u fjuri oħra tul il-purċissjoni. Kien hemm żmien meta żewġ toroq ta' madwar l-Oratorju kienu jiżżejnu bil-pavaljuni. Illum-il ġurnata qiegħda ssir Quddiesa solenni għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Oratorju f'nhar il-festa propja tal-Qalb ta' Ġesù li taħbat il-Ġimgħa, bħala parti mill-programm tal-festi tal-Ewkaristija fil-Paroċċa tal-Mosta.

Imbagħad għall-Milied il-kappella tinbidel f'ġenna ċkejkna! Kif tidħol fuq in-naħa tal-lemin, kont issib presepju kbir u artistiku li biex tapprezzah sew, kien jinħtieġlek li timxi miegħu. Mhux l-ewwel darba li Dun Anġ kien jagħtih il-laqta Mostija meta kien jinkorpera fih xi mudelli mdaqqsa ta' kappelli Mostin bħal ngħidu aħna tal-Isperanza, ta' San Pawl Eremita f'Wied il-Għasel u ta' San Pawl tal-Qlejgħa! Faċċata tiegħu kien ikun hemm diversi presepji żgħar u Bambini ppreżentati mit-tfal tad-Duttrina. Kien jorganizza kunċert tal-Milied mit-tfal infushom li jattendu l-Oratorju, għall-ġenituri tagħhom u l-pubbliku inġenerali, fejn kien jinkludi *Carol Service* fil-kappella u l-prietka tal-Milied minn tifel tal-Oratorju. Wara, l-Arċipriet kien iqassam ir-rigali lit-tfal li jiġu għad-Duttrina. L-Erbgħa, 22 ta' Diċembru kienet toħroġ purċissjoni bil-Bambin tal-Milied mill-kappella u ddur mal-blokk tal-Oratorju. Ma kienx jonqos il-kant ta' għanjiet tal-Milied tul it-toroq. Xi tfal kienu jiġu lebsin ta' ragħajja, anġli u tas-Slaten Magi, waqt li oħrajn kienu

jiġu bix-xema' akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom.

U dan mhux kollox għax din il-kapella rat ferm iżjed minn hekk! Indaqqet mużika rock b'tema spiritwali għaż-żgħażagħ, waqt li darba, il-ħoss impekkabbli tal-pianoforte għaxxaq knisja bil-ħlewwa tan-noti tiegħu. Saħansitra anke xi pavaljuni ta' Triq il-Kostituzzjoni ntramaw fiha għall-okkażjoni ta' wirja Marjana! Fuq kollox, żaruha matul is-snin, Isqfijiet, Presidenti tar-Repubblika, Prim Ministri, Ministri, Ambaxxaturi u diversi mistiedna distinti oħra.

**L-Oratorju u Talent Mosti**

Bħala *Old Boy* tal-Oratorju u Viċi President tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti, xtaqt li nsemmi l-konnessjoni ta' bejniethom u b'hekk, tkompli tinkiteb l-istorja. Bħala isem, Talent Mosti beda jintuża għall-ewwel darba fl-1983 meta, bħala żgħażagħ li konna membri tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, bdejna norganizzaw il-*pageants* b'messaġġ Nisrani. Kien żmien sabiħ minn żgħożiti, imfawwar bl-enerġija taż-żgħożija u mdakkar mill-esperjenza ta' atturi adulti. Fostna kien hemm Edwin Vassallo u Reuben Caruana l-fundaturi ta' dan il-grupp, li l-ħin kollu kienu joħolmu u jaħsbu fuq xi dramm li jkun imiss li ntellgħu f'qasir żmien. Se nsemmi tliet produzzjonijiet kbar li ttellgħu fl-Oratorju minn Talent Mosti li huma, "Fejn Hu?", "L-Ikkundannat" u "Sultana tal-Paċi" li dan tal-aħħar kien sar fil-grawnd



*L-attività "Kristu Rock", prayer meeting fil-kappella lejn l-aħħar tad-disgħinijiet tas-seklu XX.*



*L-abbozz kbir tal-ġibs ta' Santa Marija tal-Mosta, maħdum minn Ċensu Apap u li sab postu fl-Oratorju bis-saħħa ta' Dun Anġ Camilleri.*

tal-Oratorju fis-sajf tal-1985, fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Paċi. Għadda ftit taż-żmien u għall-ħabta tal-ewwel miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'pajjiżna, eżattament f'Mejju tal-1990, id-diriġenti ta' dan il-grupp li issa kien f'idejn Joe Bartolo u Joe Borg, fettillhom itellgħu skeċċ dwar il-karattri tradizzjonali Maltin, Wenzu u Rożi. Din ir-reċta saret fuq iz-zuntier tal-Oratorju għall-okkażjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù u kisbet suċċess aktar milli kien mistenni. Minn hemm bdiet storja ta' suċċess għal Talent Mosti, fejn imbarka fuq il-proġett ta' ġbid ta' vidjows imsejsin fuq il-praspar ta' dawn iż-żewġ karattri immortali minsuġin mill-pinna ta' Dr George Zammit. L-Ingliżi jgħidu li 'charity begins at home' u Talent Mosti ħaseb ukoll biex fost oħrajn, jgħin kif jista' lill-Oratorju. Fl-1992, il-palk tal-Oratorju ngħata ħajja ġdida bi proġett li kien ilu fi ħsieb id-direzzjoni ta' dan iċ-ċentru. Tħaffer il-palk u b'hekk inħoloq spazju għal sala żgħira, b'żewġ kmamar oħra li jistgħu jintużaw bħala *dressing rooms.* Barra minn hekk inqala' l-injam l-antik tal-palk u tpoġġa wieħed ġdid minfloku. Din il-biċċa xogħol kienet f'idejn Alfred Cassia, *Old Boy* tal-Oratorju u li hu wkoll membru attiv fi ħdan it-Talent Mosti. L-għajnuna finanzjarja ingħatat mill-bejgħ tal-vidjow "Wenzu u Rożi", li d-determinazzjoni ta' dan il-grupp bidlet din il-ħolma f'realtà ta' ħidma u suċċess.

Ta' min ifakkar li fil-kappella tal-Oratorju jinsabu żewġ opri sbieħ li ġew mogħtija minn Talent Mosti bħala apprezzament lil Dun Anġ tax-xogħol fejjiedi tiegħu. Diġà semmejna l-pittura tal-kappella u propja waħda minnhom ġiet sponsorjata minn dan il-grupp. Din tinsab in-naħa tax-xellug fuq nett, inti u tħares lejn l-artal, fejn għandek tilmaħ il-figura ta' Kristu Rxoxt fi sfond tassew oriġinali. Sabiex tkompli tisbieħ il-wirja tal-Aħħar Ċena, ġew imfassla u mpittra fuq l-injam il-figuri ta' Ġesù mal-Appostli. Ħadmu fuq din il-biċċa xogħol il-Pittur George Apap u Mastru Franġisk Tonna. Meta Talent Mosti beda juża r-Razzett tal-Markiż bħala l-kwartieri uffiċjali tiegħu, baqa' juri rispett lil Dun Anġ, tant li ħatru Direttur Spiritwali Emeritus u fuq kollox, waqqaf bust bix-xbieha tiegħu fil-ġardina, xogħol l-Iskultur Mosti Shaun Saliba.

**Offra Opportunità**

Bħal leħħa ta' berqa terraqna tul l-istorja movumentata ta' din l-opra li dejjem saħqet għall-edukazzjoni u l-formazzjoni nisranija tat-tfal u ż-żgħażagħ. Kull diċenju offra opportunità lil tant u tant membri tal-Oratorju biex jiffaċjaw il-ħajja u jibnu relazzjoni ma' nies, mhux biss tal-età tagħhom imma wkoll ma' nies ikbar  jew iżgħar minnhom! Is-suċċess ta' dan l-Oratorju dejjem kien u għadu msejjes fuq dak li jgħid il-Malti, "dejjem irridu nimxu maż-żmien biex ma naqgħux lura".

**Riferenzi**


1. Din l-informazzjoni għaddihieli s-Sur Ġanni Mamo li fi żmien il-gwerra kien imur l-iskola fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù u għadu jiftakar dan il-fatt traġiku.

E.B. Vella (1972) *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha,* Oratorju Qalb ta' Ġesù.

G. Cassar u J. G.M. Borg (2007) *Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet,* Kunsill Lokali Mosta.

J.J. Camilleri (2014) *Malta li Għext Fija,* SKS.

E. Cilia Debono (2008) 'L-Oratorju tas-Subien (1916 - 1917)', *Annwal tas-Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu – Mosta.*

L. Zahra (2012) 'L-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta jagħlaq 75 sena mit-tberik tiegħu,' *Annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.*

L. Vassallo (Ed.) (2008), 'Il-25 Anniversarju (1983 – 2008), *Għaqda Filantropika Talent Mosti.*

*Il-Mosta* Nru. 139  Mejju/Ġunju 1990

*Il-Mosta* Nru. 152  Settembru/Diċembru 1993

*Il-Mosta* Nru. 154  April/Awwissu 1994

*Il-Mosta* Nru. 166  April/Awwissu 1998

*Il-Mosta* Nru. 173  Settembru/Diċembru 2000

*Il-Mosta* Nru. 181  Mejju/Awwissu 2003

Akkademja 1986 'Int Fejn Sejjer?'  F'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Azzjoni Kattolika fil-Mosta

*L-istudent* 'Għaqda Studenti Mostin' Nru. 95, Diċembru 1989

Akkademja 1991 'Anġela' - mid-djarju tal-Oratorju 1990

Akkademja 1993 'Bis-Sewwa jew bid-Dnewwa' – mid-djarju tal-Oratorju 1992

Akkademja 1995 'It-Tajra li Ġiet Lura' – mid-djarju tal-Oratorju 1994

Akkademja 1992 'Mill-Fidi r-Rebħa,  It-Teatru fl-Oratorju' -  Kitba ta' Mario Vassallo